



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu*

---

**2013/2219(DEC)**

20.2.2014

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija  
Ewropea tas-sikurezza tal-Avjazzjoni għas-sena finanzjarja 2012  
(2013/2219(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Michel Dantin

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' pożittivament ir-regolarità tal-kontijiet tal-Aġenzija tas-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ewropea li kkonstatat il-Qorti tal-Awdituri għall-sena finanzjarja 2012;
2. Jirrimarka li l-baġit annwali tal-Aġenzija għas-sena 2012 kien ta' EUR 150,2 miljun, li minnhom EUR 36,6 miljun ġew mill-Unjoni Ewropea u EUR 113,6 miljun ġew minn sorsi oħra, inkluż l-introjt tal-ħlasijiet u l-miżati (EUR 83 miljun), u li r-rata ta' implimentazzjoni kienet ta' 97 %;
3. Jenfasizza r-rwol essenzjali tal-Aġenzija fl-iżgurar ta' sigurtà massima tal-avjazzjoni fl-Ewropa kollha; jirrimarka wkoll li r-reviżjoni attwali tal-leġiżlazzjoni marbuta mal-Ajru Uniku Ewropew tista' twassal biex l-EASA tingħata aktar setgħat; jenfasizza li, f'każ li jiżdedu l-kompetenzi tagħha, l-Aġenzija teħtieġ li tingħata r-riżorsi finanzjarji, materjali u umani li għandha bżonn biex twettaq il-kompiti tagħha b'suċċess;
4. Jilqa' pożittivament il-miżuri korrettivi meħuda mill-Aġenzija, b'reazzjoni għar-riżoluzzjoni tas-17 ta' April 2013 tal-Parlament, li jittrattaw problemi ta' kunflitti ta' interess u proċeduri ta' reklutaġġ, partikolarment permezz tal-istabbiliment ta' linji gwida għall-proċeduri ta' selezzjoni u ta' korsijiet ta' taħriġ speċifiċi għall-persunal tal-Aġenzija dwar il-kunflitti ta' interess; il-Kummissjoni u l-EASA għandhom jirrapportaw lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-progress li sar fit-trażżin ta' dawn il-kunflitti ta' interess;
5. Jinsab sodisfatt li l-Aġenzija stabbiliet proċedura standard għall-awditjar tal-kontijiet ex post, u jistieden lill-Aġenzija tkompli taħdem faur metodoloġija ottimali, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti tal-Awdituri;
6. Jipproponi li l-Parlament jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà tal-Avjazzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2012.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	20.2.2014
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 28 -: 4 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Inés Ayala Sender, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Michael Cramer, Joseph Cuschieri, Philippe De Backer, Luis de Grandes Pascual, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Jacqueline Foster, Franco Frigo, Mathieu Grosch, Jim Higgins, Dieter-Lebrecht Koch, Georgios Koumoutsakos, Eva Lichtenberger, Marian-Jean Marinescu, Gesine Meissner, Dominique Riquet, Brian Simpson, Giommara Uggias, Peter van Dalen, Patricia van der Kammen, Artur Zasada
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Spyros Danellis, Isabelle Durant, Eider Gardiazábal Rubial, Alfreds Rubiks, Bernadette Vergnaud, Janusz Władysław Zemke
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Birgit Sippel, Robert Sturdy